MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Talba Numru. 374/2004

**Borg Transportation Limited**
**Vs**

**BSL Group Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm1169.91 (elf, mija u disgha u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) dovuti bhala prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Awissu 2003 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-20 ta' Frar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fid-29 ta' Marzu 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------